# KAPITOLU 85

## ORDINANZA DWAR L-ESPORTAZZJONI TA' PRODOTTI TAL-BIEDJA

*Biex tikkontrolla l-esportazzjoni ta' prodotti tal-biedja.*

(18 ta' Jannar, 1935)*

*L-ORDlNANZA III ta' l-1935, kif emendata bl-Ordinanza XIX ta' l-1935; bl-Avviż Legali 4 ta' l-1963; bl-Atti XI ta' l-1972 u V ta' l-2007; u bl-Avviż Legali 346 ta' l-2008.*

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' din l-Ordinanza huwa l-Ordinanza dwar l-Esportazzjoni ta' Prodotti tal-Biedja.

Tifsir. *Emendat: XIX. 1935.2; A.L. 4 ta' l-1963; XI. 1972.2.*

**2.** F'din l-Ordinanza, jekk mill-kuntest ma jidhirx xort'oħra -

"Direttur" ifisser id-Direttur tal-Biedja;

"marka" tfisser kull stampa, marka jew tikketta wżata biex tiddistingwi prodott tal-biedja b'sinjal li jinħass jew li jidher;

"prodott tal-biedja" jew "prodott" ifisser patata, basal, kemmun, u jfisser ukoll kull oġġett ieħor mgħallel jew imnissel mix-xogħol tal-biedja jew kull prodott ta' ortikoltura, illi l-Ministru responsabbli għall-biedja jista', minn żmien għal żmien, b'notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, jiddikjara li hu prodott tal-biedja għall-finijiet ta' din l-Ordinanza;

"sensal" u "esportatur" ifissru wkoll l-aġent tal-wieħed jew ta' l-ieħor;

"spettur" ifisser persuna li jkollha mid-Direttur is-setgħa, ġenerali jew speċjali, biex teżamina jew tikklassifika jew biex teżamina u tikklassifika l-prodott tal-biedja li jkun qiegħed għall-esportazzjoni jew biex taqdi dawk id-dmirijiet l-oħra li jiġu mogħtija lilha taħt din l-Ordinanza.

Ċertifikat tar-reġistrazzjoni għall-esportaturi. *Emendat: XIX. 1935.2.*

**3.** (1) Ħadd ma jista' jagħmilha ta' esportatur ta' ebda prodott tal-biedja jekk ma jkunx irreġistrat fl-uffiċċju tad-Direttur, illi għalhekk joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

Il-prodott tal-biedja ma jistax jiġi esportat bla ma ikun spezzjonat.

(2) Ħadd ma jista' jesporta, jew igiegħel jew iħalli li jiġi esportat jew jittanta li jesporta minn Malta, ebda prodott tal-biedja li għalih hemm magħmulin regolamenti, sakemm dan il-prodott ma jiġix spezzjonat, jew spezzjonat, ikklassifikat, ippakkjat u immarkat, skond il-każ, bil-mod li jingħad f'din l-Ordinanza jew f'dawk ir-regolamenti.

Il-prodott tal-biedja mhux tajjeb ma jistax jiġi esportat. *Emendat: XIX. 1935.2.*

**4.** (1) Ħadd ma jista' jesporta jew iġiegħel jew iħalli li jiġi esportat jew jittanta li jesporta -

(*a*) prodott tal-biedja għall-konsum tal-bniedem illi fil-ħin li jiġi ippreżentat għall-esportazzjoni ma jkunx tajjeb

---

**Ara* Proklama Nru. II tat-l8 ta' Jannar, 1935.

għal dak il-konsum; jew

(*b*) prodott tal-biedja illi, minħabba l-kondizzjoni tiegħu jew għal xi raġuni oħra, x'aktarx ma jasalx fid-destinazzjoni tiegħu f'saħħtu jew fi stat tajjeb għas-suq.

(2) Jekk prodott hu jew mhux fi stat li b'hekk jista' jaqa' taħt il-projbizzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, għandu jiddeċidih l-ispettur skond l-ordnijiet ġenerali jew speċjali mogħtija mid-Direttur.

Approvazzjoni ta' postijiet għad-depożt ta' prodotti għall-esportazzjoni. *Emendat: XIX. 1935.2.*

**5.** (1) Ħadd ma jista' jesporta jew iġiegħel jew iħalli li jiġu esportati jew jittanta li jesporta prodotti jekk il-lok jew il-postijiet fejn dawn il-prodotti jiġu miġbura, ippreparati jew maħżuna ma jkunx lok jew ma jkunux postijiet appruvati mid-Direttur bħala tajba għaldaqshekk.

Id-Direttur jista' jirtira l-approvazzjoni.

(2) Id-Direttur jista', f'kull żmien, jirtira l-approvazzjoni mogħtija minnu jekk jidhirlu li dak il-lok jew postijiet mhumiex qegħdin jinżammu fi stat jew mhumiex imgħammrin jew m'għandhomx dawk il-ħtiġijiet biex min jużahom ikun jista' jħares id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

Setgħa ta' l-ispetturi li jidħlu fil-postijiet u jispezzjonaw, eċċ. *Emendat: XIX. 1935.2.*

**6.** Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza, kull spettur u kull persuna li jkollha bil-miktub setgħa ġenerali jew speċjali mid-Direttur jew f'ismu, jistgħu, f'kull ħin xieraq, jidħlu f'kull post fejn ikun jinżamm, jew suspett li fih qiegħed jinżamm prodott tal-biedja għall-esportazzjoni, u jistgħu jeżaminaw kull post minn dawna jew dugħ jew koll li jkun hemm.

Liċenzi għas-sensala. *Emendat: XIX. 1935.2.*

**7.** (1) Ħadd ma jista' jagħmilha ta' sensal ta' prodotti tal-biedja għall-esportazzjoni, li għalihom ikun hemm magħmulin regolamenti, jekk ma jkollux liċenza għalhekk mingħand id-Direttur.

(2) Lil kull sensal bil-liċenza jingħata numru ta' reġistrazzjoni li jkun in-numru tiegħu uffiċjali għall-finijiet ta' din l-Ordinanza u ta' kull regolament magħmul bis-saħħa tagħha.

Is-sensala ma jistgħux jinnegozjaw fil-prodott tal-biedja.

**8.** Ebda sensal ma jista' jinnegozja f'ismu jew akkont tiegħu jew akkont tiegħu u ta' ħaddieħor, jew bi sħab ma' ħaddieħor, f'ebda prodott tal-biedja li jkun qiegħed għall-esportazzjoni u li għalih ikunu saru regolamenti.

Piżaturi.

**9.** Ħadd ma jista' jekk mhux piżatur pubbliku bil-liċenza, jiżen prodott tal-biedja għall-esportazzjoni, u ħadd ma jista' jagħmilha ta' piżatur u sensal flimkien jew ta' piżatur u esportatur flimkien għall-istess prodott tal-biedja li jkun qiegħed għall-esportazzjoni.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti. *Emendat: A.L. 4 ta' l-1963; XI. 1972.3.*

**10.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-biedja jista' jagħmel regolamenti dwar dawn il-ħwejjeġ li ġejjin u li għandhom x'jaqsmu mal-prodott tal-biedja għall-esportazzjoni, jiġifieri:

(*a*) l-ispezzjon tal-prodott tal-biedja li jkun qiegħed għall-esportazzjoni u l-ispezzjon tal-postijiet fejn il-prodott tal-biedja jiġi ippreparat, maħdum jew jiġi immaniġġat

b'xi mod ieħor;

(*b*) il-ħin u l-lok fejn u kif għandu jingħata l-avviż ta' min bi ħsiebu jesporta, il-mod ta' l-ippakkjar, id-daqs, id-deskrizzjoni, il-kwalità u l-irkaptu tad-dugħ, il-piż tal-merkanzija u l-markar ta' dan il-piż u tad-dugħ;

(*ċ*) il-ħin u l-lok fejn għandha ssir il-kunsinna tal-prodott fuq il-mollijiet;

(*d*) il-lok u l-mod tal-ħażna, il-ġarr u t-trattament tal-prodott;

(*e*) l-ispezzjon tal-prodott tal-biedja, il-klassifikazzjoni tal-prodott u l-kondizzjonijiet ġenerali li taħthom il-prodott jista' jiġi mgħoddi għall-esportazzjoni, il-lok u l-mod ta' l-ispezzjon u tal-klassifikazzjoni u tal-markar tal-prodott u l-mod li bih għandhom jiġu imbullati jew immarkati ismijiet jew klassijiet differenti ta' prodott tal-biedja, sewwa fuq id-dugħ jew fuq ċertifikat ta' l-ispettur jew xort'oħra;

(*f*) il-perċentaġġ li għandu jiġi spezzjonat f'kull waħda mill-partiti;

(*g*) kemm jingħata li jista' jkun hemm sustanzi barranin u avarija fil-qies tad-daqsijiet fissi tal-prodotti u tal-kollijiet, u l-aqwa kwantità ta' ndewwa li jista' jkun hemm fi prodott tal-biedja li jkun qiegħed għall-esportazzjoni;

(*h*) l-isem partikulari li bih xi xorta ta' prodott jista' jiġi esportat u d-deskrizzjoni ta' kull waħda minn din ix-xorta ta' prodott;

(*i*) il-għażil jew it-teħid ta' kampjuni mill-ispettur għall-eżami, spezzjon jew analisi;

(*j*) iċ-ċirkostanzi li taħthom l-ispettur jista' jaċċetta jew jirrifjuta prodotti tal-biedja ta' xorta differenti, jew iqegħidhom fi klassi aktar baxxa, jew jikklassifikahom mill-ġdid jew jerġa' jimmarkahom, wara li jkun eżaminahom u spezzjonahom;

(*k*) iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet li taħthom il-prodott spezzjonat u ikklassifikat jista' jinżamm milli jiġi imbarkat;

(*l*) il-formuli ta' l-avviżi, ċertifikati u liċenzi u formuli oħra li għandhom jiġu wżati jew li għandhom jiġu maħruġa għall-finijiet ta' din l-Ordinanza;

(*m*) il-ħruġ ta' liċenzi u ċertifikati tar-reġistrazzjoni taħt din l-Ordinanza, għal kemm żmien idumu jiswew u t-tiġdid tagħhom;

(*n*) id-drittijiet li għandhom iħallsu l-esportaturi u s-sensala għall-ħruġ jew tiġdid taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni u tal-liċenzi tagħhom, kif ukoll id-drittijiet li għandhom iħallsu l-esportaturi għall-ispezzjon u għall-klassifikazzjoni;

(*o*) id-dmirijiet u x-xogħol tal-bdiewa, sensala, u piżaturi

u esportaturi tal-prodott tal-biedja għall-finijiet ta' din l-Ordinanza, u s-senserija li għandha titħallas lis-sensala mill-esportaturi jew bdiewa;

(*p*) il-ħlas lid-Direttur ta' kull ammont ta' flus dovut minn esportaturi bħala l-prezz ta' prodott tal-biedja u l-ħlas lura mid-Direttur lill-bdiewa ta' dak il-prodott u lis-sensala tas-sehem tagħhom rispettiv;

(*q*) il-kostituzzjoni tal-Bord ta' Arbitraġġ imsemmi fl-artikolu 18 ta' din l-Ordinanza u d-dritt li għandu jiddepożita l-esportatur biex iġib il-kwistjoni quddiem dan il-Bord; u

(*r*) in ġenerali sabiex jiġu esegwiti aħjar l-iskopijiet u finijiet ta' din l-Ordinanza.

(2) Jistgħu isiru taħt dan l-artikolu regolamenti differenti dwar prodotti tal-biedja ta' xorta differenti.

(3) Ebda regolament magħmul skond il-paragrafu (*p*) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u ebda ħaġa magħmula jew li tonqos milli tiġi magħmula bis-saħħa tiegħu ma għandha tirrendi lill-Gvern responsabbli lejn xi bidwi ta' prodotti tal-biedja jew lejn xi sensal dwar xi flus dovuti minn xi esportatur ta' prodotti tal-biedja kemm-il darba dawn il-flus ma jkunux ġew miġbura mid-Direttur.

Piena għas-sensala li jinnegozjaw fil-prodotti tal-biedja.
*Emendat: XIX. 1935.2; A.L. 408 ta' l-2007.*

**11.** Kull sensal bil-liċenza, li jixtri, ibigħ, jew b'kull mod ieħor jinnegozja f'ismu, jew akkont tiegħu u ta' ħaddieħor jew bi sħab ma' ħaddieħor, u kull min jagħmilha ta' sensal jew negozjant, fi prodott tal-biedja li jkun qiegħed għall-esportazzjoni, li għalih ikun hemm magħmulin regolamenti, mingħajr il-liċenza tad-Direttur, jeħel, meta jinsab ħati, għal kull kontravvenzjoni, il-multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59).

Piena għall-esportaturi li jixtru b'mezz ta' sensala bla liċenza.
*Emendat: A.L. 408 ta' l-2007.*

**12.** Kull esportatur irreġistrat li jixtri jew b'mod ieħor jinnegozja fi prodott tal-biedja li jkun qiegħed għall-esportazzjoni b'mezz ieħor barra minn b'sensal bil-liċenza, u kull min jesporta, iġiegħel jew iħalli li jiġi esportat jew jittanta li jesporta prodott tal-biedja, mingħajr ma jkun esportatur irreġistrat, jeħel, meta jinsab ħati, għal kull kontravvenzjoni, il-multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59):

Iżda, kull esportatur irreġistrat jista' jixtri prodott tal-biedja għall-esportazzjoni direttament mingħand il-bidwi.

Piena għal min jesporta prodotti tal-biedja mingħajr ma jħares id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.
*Emendat: A.L. 408 ta' l-2007.*

**13.** Kull min jesporta jew iġiegħel jew iħalli li jiġi esportat jew jittanta li jesporta prodott tal-biedja mingħajr ma jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, jeħel, meta jinsab ħati, għal kull kontravvenzjoni, il-multa ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

**14.** Kull min dolożament iwaħħal ma' prodott tal-biedja għall-esportazzjoni ċertifikat jew tikketta jew garanzija mogħtija għal prodott ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-multa ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47) jew il-piena tal-priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur.

Piena għal min iwaħħal ma' prodott tal-biedja ċertifikati maħruġa għal prodott ieħor.
*Emendat: A.L. 408 ta' l-2007.*

**15.** Kull min jagħmel resistenza lill-ispettur jew ifixklu fl-eżerċizzju leġittimu tas-setgħat jew dmirijiet tiegħu taħt din l-Ordinanza jew taħt regolament maħruġ bis-saħħa tagħha, jeħel, meta jinsab ħati, il-multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59).

Piena għal min jagħmel resistenza jew ifixkel.
*Emendat: A.L. 408 ta' l-2007.*

**16.** Kull min, fiż-żmien ordnat minn spettur, ma jwarrabx prodott minn post ta' spezzjon jew ta' mbark kull meta jiġi hekk ordnat li għandu jsir, jeħel, meta jinsab ħati, il-multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull ġurnata li l-kontravvenzjoni tissokta.

Piena għal min ma jwarrabx prodott.
*Emendat: A.L. 408 ta' l-2007.*

**17.** (1) Kull min jikser id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ta' regolament maħruġ bis-saħħa tagħha jew jonqos li jħares id-disposizzjonijiet li hu dmir tiegħu li jħares, jeħel, meta m'hemm ebda pieni speċjali għall-kontravvenzjoni jew għan-nuqqas, għall-ewwel darba li jinsab ħati, il-multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59), u fil-każ ta' reċidiva, multa ta' mhux iżjed minn mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (116.47).

Piena għal kontravvenzjonijiet jew għal min ma jħarisx id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.
*Emendat: XIX. 1935.2; A.L. 408 ta' l-2007.*

(2) Id-Direttur jista' jieħu lura kull liċenza jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġin jew imġeddin taħt din l-Ordinanza, f'kull każ li l-pussessur tal-liċenza jew taċ-ċertifikat jiġi misjub ħati ta' reat taħt din l-Ordinanza.

**18.** (1) Meta spettur jirrifjuta li jgħaddi għall-esportazzjoni xi kunsinna ta' prodotti, huwa għandu minnufih javża bil-miktub lill-esportatur għaliex huwa jkun irrifjuta li jagħmel dan: l-esportatur jista', meta jsir dan, jitlob bil-miktub lill-ispettur jirreferi l-kwistjoni minnufih lit-Tribunal Amministrattiv ta' Reviżjoni stabbilit skond l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, u d-disposizzjoni ta' dan l-Att għandha tkun tapplika għal appell bħal dak, għal deċiżjoni kemm jista' jkun malajr dwar jekk il-prodott għandux jgħaddi għall-esportazzjoni.

Appell minn deċiżjoni ta' spettur.
*Sostitwit: V. 2007.25.*
Kap. 490.

(2) L-esportatur jista' jkun preżenti waqt kull eżami tal-prodott minn spettur.

**18A.** Il-Bord ta' Arbitraġġ għandu jirrispetta u japplika l-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba skond l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva.

Osservanza tal-prinċipji ta' mġiba amministrattiva tajba.
*Miżjud: A.L. 346 ta' l-2008.*
Kap. 490.

Il-Gvern mhux responsabbli għat-telf li wieħed ibati meta prodott jiġi miżmum jew jitħassar.

**19.** Ebda azzjoni jew proċediment ieħor legali ma jista' jittieħed kontra l-Gvern jew uffiċjal tal-Gvern għal telf li wieħed ibati minħabba li prodott jiġi miżmum jew li jitħassar minħabba li ikun ġie hekk miżmum għall-finijiet ta' spezzjon taħt din l-Ordinanza.